MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2010

Referenza Kostituzzjonali Numru. 33/2007/1

Fl-Atti tar-Riferenza tal-24 ta' Mejju, 2007, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Maġistrat Dr. Anthony Ellul LL.D.) fl-Atti tar-Rikors Maħluf 24/07 fl-ismijiet:

Mary Anne **BUSUTTIL**

vs

Tabib John **CASSAR** u Mary Yvonne Cassar

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-Avukat Ġenerali fl-14 ta' Mejju, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti kif presjeduta tqis jekk għandhiex tastjeni milli tkompli tisma' iżjed din ir-Riferenza Kostituzzjonali għall-finijiet tal-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex jgħid li hija diġa' esprimiet ruħha dwar il-mertu tal-kawża;

Rat li l-partijiet fil-kawża iddikjaraw waqt is-smigħ tal-20 ta' Mejju, 2010 li, filwaqt li laqgħu n-notifika tal-imsemmi rikors, ħallew f'idejn il-Qorti biex tiddeċiedi dwar it-talba għar-rikuża;

Rat li t-talba tal-Avukat Ġenerali saret minħabba kunsiderazzjoni li din il-Qorti kienet għamlet matul l-għoti tas-sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru, 2008, dwar Riferenza kostituzzjonali li saritilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Ċivili ta' Ġurisdizzjoni Superjuri;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża;

## *Ikkunsidrat:*

Illi r-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[1] u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom ("*conveniente*") tali astensjoni jew rikuża[2]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[3] u kif ukoll it-tisħiħ tal-

---

[1] Art. 733 tal-Kap 12

[2] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***

[3] P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambina vs Fithome Ltd***

fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[4]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[5];

Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.[6] U l-fatt waħdu li l-liġi nnifisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa' jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta' kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqslikieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża;

Illi għalkemm l-Avukat Ġenerali ma jsemmix taħt liema waħda mill-kawżali msemmija fil-liġi qiegħed isejjes it-talba tiegħu, jidher li qiegħed jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 734(1)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi l-imsemmija dispożizzjoni tgħodd għall-każ fejn l-istess kawża[7] terġa' titqiegħed quddiem il-ġudikant rikużat wara li kien ta sentenza fl-istess kawża, imma ma tgħoddx fejn dik is-sentenza tkun qatgħet imqar parti mill-mertu u tkun għadha quddiemu biex jiddeċiedi talbiet oħrajn fil-mertu tal-istess kawża[8];

Illi dik id-dispożizzjoni ma tgħoddx fejn id-deċiżjoni mogħtija ma tkunx qatgħet definittivament il-mertu tal-kawża[9] u lanqas fejn il-kitba dwar il-kawża ma tkunx messet il-qalba fil-mertu tal-kwestjoni nvoluta[10];

Illi s-sentenza li għaliha jirreferi l-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu ma kinitx iddirimiet il-kwestjoni fundamentali li għaliha saret ir-Riferenza mill-Qorti tal-Maġistrati. Kemm hu hekk, meta l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza

[4] Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)
[5] P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)
[6] Kost. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Depasquale vs Avukat Ġenerali***
[7] App. Ċiv. **6.11.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Gatt et*** (Kollez. Vol: **LI.i.456**)
[8] App. Krim **30.7.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Frendo Randon*** (Kollez. Vol: **XXXIX.iv.1091**)
[9] *Proviso* art. 734(1)(d) tal-Kap 12
[10] Kost. **4.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mary Chircop vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

tagħha fit-28 ta' Novembru, 2008, fuq appell li sar mill-imħarrkin Cassar, u partikolarment b'riferenza għas-silta li l-istess Avukat Ġenerali jistrieħ fuqha biex jitlob ir-rikuża ta' l-imħallef preżenti, dik il-Qorti qieset li l-osservazzjonijiet li għamlet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru, 2008, "b'ebda mod, anqas indirettament, ma jiddeterminaw il-mertu tal-kwestjoni riferuta lil dik il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)";

Illi kienet l-istess Qorti Kostituzzjonali li, wara l-għoti tas-sentenza tagħha tat-28 ta' Novembru, 2008, reġgħet bagħtet din ir-Riferenza quddiem din il-Qorti kif kostitwita biex tisma' u tiddeċiedi l-każ fuq il-mertu riferit lilha. Din il-Qorti tqis li l-Qorti Kostituzzjonali kienet tmexxi mod ieħor li kieku b'xi mod rat li din il-Qorti kienet diġa' wriet il-fehma tagħha fuq il-każ fil-mertu;

Illi l-enunċjazzjoni ta' prinċipji legali minn Qorti f'sentenza tagħha bla ma tkun għaddiet biex tapplika dawk il-prinċipji fil-kawża li jkollha quddiemha ma titqiesx bħala raġuni tajba biżżejjed biex iġġib fis-seħħ it-tħaddim tal-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodiċi Proċedurali[11];

Illi l-fatt li din il-Qorti tħaddan fehma partikolari dwar x'imissu jkun l-effett ta' liġi li, b'deċiżjoni ta' Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali, jinstab li hija waħda li tikser xi jedd fundamentali mħares fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, ma jfissirx li b'daqshekk biss hija ntrabtet biex ma tqisx b'mod imparzjali jew skond l-aġġornamenti interpretativi ġudizzjarji (partikolarment dawk ta' Qrati ġerarkikament ogħla minn din il-Qorti) dawk il-każijiet li jitressqu quddiemha fejn xi liġi bħal dik tkun il-bażi ta' lment kostituzzjonali jew ta' riferenza għal tali lment. Li wieħed jagħti din it-tifsira jkun qiegħed jistieden b'ħeffa li l-ġudikant jinża mid-dmirijiet tiegħu taħt il-pretest ta' linja ta' ħsieb pre-formata. M'hijiex l-ewwel darba fil-ġrajja ġudizzjarja fis-sistema ġuridiku tagħna li ġudikant, meta jkun il-każ, jasal biex jibdel il-fehma tiegħu bl-istess konvinċiment li bih kien isostni fehma oħra li ma taqbilx magħha;

[11] App. Krim. **22.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Grixti*** (Kollez. Vol: **LXXIII.v.1099**)

Illi l-Qorti tqis li l-fatt li hija "ser ikollha kompitu diffiċli u xejn feliċi li tiddeċiedi kwestjoni li finalment tista' tkun in kontrappożizzjoni" tal-fehmiet tagħha, ma jwassalx b'daqshekk għal raġuni ta' rikuża jew astensjoni. Din il-Qorti qatt ma fittxet li fil-kawżi li jitressqu quddiemha u fl-għoti tas-sentenzi tagħha tkun f'qagħda "komda" jew "konvenjenti". Il-fehmiet u l-konvinċiment tal-Qorti jissawru bis-saħħa tal-argumenti siewja u l-provi mressqa mill-partijiet u mhux minn xi prekonċetti li l-Qorti jista' jkollha;

Illi fl-aħħarnett, dwar it-talba tal-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu, titqajjem kwestjoni mhux traskurabbli. Jidher li l-eċċezzjoni tar-rikuża – bħal kull eċċezzjoni oħra msemmija fil-liġi – tista' titqajjem biss minn xi waħda mill-partijiet f'kawża. Dan joħroġ minn kliem l-artikolu 739 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ tal-lum, l-ebda waħda mill-partijiet ma talbet li l-imħallef li qiegħed jippresjedi din il-Qorti jikkunsidra jekk għandux jastjeni jew jirrikuża ruħu milli jkompli jisma' l-kawża. Din il-kawża hija Riferenza kostituzzjonali u l-partijiet huma biss dawk li kienu fil-kawża fil-waqt minnufih qabel ma saret ir-Riferenza. L-Avukat Ġenerali ma huwiex parti fil-kawża, u l-fatt li l-Qorti ordnat in-notifika lilu tar-Riferenza kien biss bħala tagħrif ġudizzjarju mnissel min-natura kostituzzjonali involuta u mhux għaliex, strettament, f'din il-kawża l-Avukat Ġenerali huwa leġittimu kontradittur ta' xi waħda mill-partijiet;

Illi dan il-punt jixħet dell fuq ir-ritwalita' tar-rikors imressaq mill-Avukat Ġenerali f'dan il-każ, għalkemm il-Qorti m'hijiex qiegħda tasal għall-fehma tagħha fuq din il-konsiderazzjoni proċedurali;

Għal dawn ir-raġunijiet:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża** u tordna li s-smigħ tar-Riferenza jitkompla quddiemha sal-għoti tas-sentenza aħħarija**.**

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------